Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 34**

**17:30 pm 12 ta' Marzu 2026**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi- Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Ħadd

**Assenti**

Ħadd

**Uffiċċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:32pm).**

**34.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Ħadd

**Il-Kunsill approva l-apoloġija.**

**34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 32, liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 33 , liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

34.2.1 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 32

**Il-Kunsillier Gloria Aquilina ssekondat. Il-Minuti gew approvati b'seba' (7) voti favur.**

34.2.2 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 33

**Il-Kunsillier Gloria Aquilina ssekondat. Il-Minuti gew approvati b'seba' (7) voti favur.**

**34.3 Riżenja Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' riżenja mill-kariga tiegħu indirizzata lis-Sindku u lill-membri tal-Kunsill. Huwa rringrazzja lill-Kunsill tal-opportunità mogħtija sabiex iservi f'din il-kariga.
Is-Sindku, f'isem il-Kunsill, irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tas-servizz u tax-xogħol li wettaq matul il-perjodu li serva fil-kariga, filwaqt li awguralu kull suċċess fil-futur.

Il-Kunsill qabel ukoll li jiġi infurmat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tinfetaħ il-call għall-post vakanti tas-Segretarju Eżekuttiv.

**34.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni skeda ta'pagament 03/2026**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 03/26 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**34.4.1 Wara mozzjoni mressqa mill-proponent, is-Sindku Luke Farrugia u sekonda il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi, il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.**

**34.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

34.5.1 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li, b'rabta mal-ittra li kienu bagħtu rigward l-istatwa tal-Kunċizzjoni, l-uffiċċju għamel kuntatt mar-restawratur li qed jieħu ħsieb ir-restawr tal-istatwa. Dan informa li qed jistenna deċiżjoni dwar jekk l-istatwa għandhiex tinżebgħa b'kulur wieħed (kulur il-ġebla) jew bil-kuluri.

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, ġie maqbul li tingħata kulur wieħed, jiġifieri kulur il-ġebla, u li r-restawratur jipprovdi lill-Kunsill diversi disinni tal-pedestal sabiex ikun jista' jagħżel.**

**Il-Kunsill, b'sitt (6) voti favur u vot wieħed (1) kontra, qabel ukoll li l-istatwa tal-Kunċizzjoni titpoġġa fil-parti t'isfel tal-għolja ta' Triq is-Salib tal-Marsa. Barra minn hekk, ġie deċiż li l-GHRC jiġi infurmat bid-deċiżjoni u bil-proposta tal-Kunsill sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji fl-istadji bikrin tal-proġett, inkluża l-allokazzjoni tal-istatwa fil-post propost mill-membri tal-Kunsill.**

34.5.2 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li l-iskema li il-Kunsill kien applika biex jiżdiedu il-cameras ġiet aċetata u li is-somma totali kienet mitluba kienet ta' €71,000 fejn 80% ser ikunu provduti mill-iskema għall ammont ta' €57,027.00.

34.5.3 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li l-WasteServ bagħtet statement li jammonta għal €63,792.93 rigward il-korsa tal-Marsa. Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li ntbagħtet ittra mill-avukat tal-Kunsill lill-WasteServ dwar dan il-ħlas li qed jintalab, relatat ma' vann li jarmi l-iskart miġbur u li ma kienx awtorizzat mill-Kunsill, fejn l-avukat sostna li l-ħlas mitlub għandu jitħallas mill-kuntrattur inkwistjoni.

34.5.4 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li l-fondi mill-iskema approvati u maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-Ġnien Juan Mamo se jittrasferixxu għall-proġett tal- *Open Air Gym* fi Ġnien Belvedere.

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, ġie maqbul li l-fondi approvati għall-Ġnien Juan Mamo jittrasferixxu għall-proġett tal- *Open Air Gym* fi Ġnien Belvedere.**

34.5.5 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali fetaħ l-applikazzjonijiet ta' interess għas-sena 2026 għall-Proġett Minn Pjazza għall-Pjazza 2026, fejn il-baġit allokat huwa ta' €25,000, u hemm baġit addizzjonali għall-reklamar. L-applikazzjoni tagħlaq nhar il-28 ta' Marzu 2026.

**Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie maqbul li l-Kunsill japplika għal dan il-proġett u li jiġi ppreparat programm għall-istess proġett bejn is-Sindku u l-Kunsillier Dominic Spencer, bi qbil bejniethom.**

## 34.6 Rapport dwar il-progress tal-Ħidma tal-impjegata il-ġdida

Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jippreżenta ir-rapport ta' ħidma tal-impjegata li kienet ingaġġata f'Jannar 2025.

Mir-rapport ippreżentat irriżulta li l-impjegata on probation kienet qed tirraporta għax-xogħol tard, b'mod kontinwu, ma kinitx qed teżegwixxi sew ix-xogħol mitlub minnha u ma kinitx qed issewgu l-istruzzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv.

**Wara diskussjoni bejn il-membri jekk l-impjegata għanda titwaqafx fi-zmien ta prova, il-membri vvutaw; erbgħa voti (4) favur, żewġ voti (2) kontra, vot (1) astjena.**

## 34.7 Tenders

- Estensjoni tal-Kuntratt – Tender for the Cleaning, upkeep and maintenance of public gardens and soft areas in Marsa using environmentally friendly products and practices.

Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li wasal iż-żmien biex tkun approvata l-estensjoni tal-kuntratt għat-tliet (3) snin tat-tender għas-soft areas.

**Wara li s-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-kuntratt tat-*Tender for the Cleaning, Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in Marsa using Environmentally Friendly Products and Practices*, u ssekondat il-Kunsillier Gloria Aquilina, il-Kunsill approva b'seba' (7) voti favur l-estensjoni tal-kuntratt għal tliet (3) snin. Il-kuntratt ġie approvat għal tliet (3) snin.**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

- Estensjoni tal-Kuntratt – Collection of manure from the Marsa racecourse area in an environmentally friendly manner.

  Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li wasal iż-żmien biex tkun approvata l-estensjoni tal-kuntratt għat-tliet (3) snin tat-tender tal-ġbir tad-demel mill- Korsa tal-Marsa.

  **Wara li s-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-kuntratt tat- *Tender Collection of manure from the Marsa racecourse area in an ebviornmentally manner* u ssekondat il-viċi Sindku Josef Azzopardi, il-Kunsill approva b'seba' (7) voti favur l-estensjoni tal-kuntratt għal tliet (3) snin. Il-kuntratt ġie approvat għal tliet (3) snin.**

- **Evaluation Report – Cleaning and upkeep of public convenience**

  Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, infurma lill-membri li ntbagħtet l-kjarifika mitluba, kif ukoll mid-Dipartiment tal-Kuntratti u mill-Procurement Section fi ħdan id-Dipartiment u irriżulta li l-*compliant bidder* għandu kollox kif stipulat skond ir-regoli tal-*procurement*.

  Is-Sindku Luke Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-membri u irrimarka li bħalissa il-persuna li qed tieħu ħsieb it-tindif tal-latrini qed jaħdem b'direct order.

  Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie maqbul li jingħata ruling mid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali minħabba li l-*compliant bidder* kellu kuntatt ma' membru tal-Kunsill, fejn uża kliem ta' theddid. Dan minħabba deċiżjoni li kienet ittieħdet fuq is-sitwazzjoni tat-Tender tal-Bulky Refuse. Fid-dawl ta' dan, il-membri qablu li t-*Tender Cleaning and upkeeping of public convenience* jibqa pendenti sakemm il-Kunsill jirċievi direzzjoni mid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali.

  Wara proposta tal-Kunsillier Dominic Spencer u ssekondata mill-viċi Sindku Josef Azzopardi, il-Kunsill qabel unanimament b'seba' (7) voti favur li l-individwi in-kwistjoni, il-Kunsilliera Gloria Aquilina kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv Roderick Ebejer, ikollhom protezzjoni mill-avukat tal-Kunsill kull darba li jkun hemm bżonn.

**34.8 Attivitajiet mill-Kunsill għas-sena 2026/2027**

Il-Kunsillier Dominic Spencer nfurma li ħarġu l-iSkemi għall-attivitajiet tal-Milied u Karnival, kif ukoll tal-Clean up Campaign.

Il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona li l-Kunsill japprova li l-Kunsill japprova għal kull skema li toħroġ minn żmien għal żmien mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona li l-Kunsill japprova s-somma ta' € 22,000 sabiex tiġi organizzata l-attivita' tal-Karnival u s-somma ta' € 25,000 sabiex tiġi organizzata l-attivita' tal-Milied.

Is-Sindku ppropona li l-attivitajiet jinħadmu bis-sehem ta' kulħadd, bħalma sar għall-attivita' minn Pjazza għal Pjazza.

Il-Kunsillier Dominic Spencer irrimarka li dan qed jindika nuqqas ta' fiduċja fih u għaldaqstant qal li ma jridx aktar responsabbilta' tal-attivitajiet.

Il-Kunsillier Dominic Spencer talab li jkun skużat. Hu ħareġ mil-laqgħa fis-seba' u ħdax il-minuta ta' filgħaxija (19:11).

Is-Sindku Luke Farrugia rrimarka li jinsab iddispjaċut għall-atteġjament li qed tittieħed minn ċertu kunsilliera. Is-Sindku Luke Farrugia talab lill-membri jekk qalx xi diskors li seta' irrita lill-kunsillier. Il-Kunsilliera kkonfermaw li kulħadd għandu dritt għall-opinjoni. Il-Viċi Sindku ppropona li qabel item jittella' għall-approvazzjoni, issir diskussjoni bejn il-kunsillier u s-Sindku u jittella' dak maqbul.

Is-Sindku Luke Farrugia qal li hu ma jistax japprova attivita' jekk m'għandux informazzjoni ta' x'se jsir.

Il-viċi Sindku Josef Azzopardi talab li jkun skużat. Hu ħareġ mil-laqgħa fis-seba' u ħmistax il-minuta ta' filgħaxija (19:15) .

- **Attivita – MCCF**

  Il-Kunsilliera s-Sa Gloria Aquilina infurmat lill-membri tal-Kunsill li l-Attività ***Maqgħudin għal ġid tal-Komunita'*** se issir nhar il-Ħadd, 24 ta' Mejju 2026, fis-Sala tal-Kunsill. Min-naħa tal-amministrazzjoni saret talba uffiċjali, lill-Uffiċċju tal-President sabiex tkun preżenti l-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta biex tilqa' d-donazzjonijiet f'isem il-Malta Community Chest Fund.

  Intbagħtu wkoll l-inviti lill-għaqdiet sabiex jippreżentaw id-donazzjonijiet, kif ukoll qed jinġabru stimi għall-catering, fotografija u fjuri.

L-inviti ser jintbagħtu aktar 'l quddiem lill-membri parlamentari tad-distrett, kif ukoll lin-negozji, lill-membri tal-Kunsill flimkien mal-familjari tagħhom, kif ukoll lill-Pulizija u lill-media.

Ser isiru wkoll aktar 'l quddiem il-permessi neċessarji, inkluża *clearance* fi Triq Balbi u permessi oħra meħtieġa.

**34.9 Mozzjonijiet**

Il-Mozzjoni numru 06/2026 ser tkun qed terġa tittella' fis-seduta li jmiss tal-Kunsill, minhabba li is-sekondat ma kienx preżenti fil-ħin tad-diskussjoni.

**34.10 Korrispondenza**

34.10.1 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, nforma lill-membri li waslet talba għal reklamar fuq il-poster tal-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa imtella' mill-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina għall prezz ta' €300.

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, ir-reklam ġie approvat b'erbgħa (4) voti favur u vot (1) kontra.**

34.10.2 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri li waslet talba għall- reklamar fuq il-poster tal-Kuncert 'Pie Jesu' imtella mis-Socjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa b'risq il-Malta Community Chest Fund għall – prezz ta' €300.

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, ir-reklam ġie approvat b'erbgħa (4) voti favur u vot (1) kontra.**

34.10.3 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li waslet talba mill-Parroċċa Marija Reġina għall-ħlas tal-ispejjeż relatati maz-zuntier tal-istess Parroċċa, li jinkludu wkoll l-ispejjeż tal-Perit. Il-Paroċċa staqsiet jekk il-Kunsill għandux il-pjaċir li jgħin fil-ħlas ta' dawn l-ispejjeż.

**Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie propost u maqbul b'erba' voti (4) favur u vot wieħed (1) kontra, li l-Parroċċa tħallas l-ispiża u tibgħat ittra formali lill-Kunsill flimkien mal-irċevuta annessa, sabiex jingħata r-rimbors.**

34.10.4 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li waslet talba għall-reklamar fuq il-poster għall – wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa imtella mill-Marsa St Michael's FC għall prezz ta' €300.

**Wara diskussjoni bejn il-membri, ir-reklam ġie approvat b'erba' (4) voti favur u vot (1) kontra.**

**34.10.5** Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li waslet talba mingħand il-Kummissjoni Trinitarji għall- reklamar fuq il-poster, bnadar u social media għall – festa 2026 għall- prezz ta' €300.

**Wara diskussjoni bejn il-membri, ir-reklam ġie approvat b'erba' (4) voti favur u vot (1) kontra.**

**34.10.6** Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li waslet talba mingħand il-Marsa Pageant Group bies issiru 12 il-Toqba biex jintużaw għall-ħbula biex iservu bħala passaġġ għal waqt il-Purċissjoni fi Triq Azzopardi quddiem id-Dar Parrokjali.

**Wara diskussjoni bejn il-membri, it-12 il-Toqba ġewwa Triq Azzopardi quddiem id-Dar Parrokjali ġew approvati b'ħames (5) voti favur.**

**34.10.7** Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li waslet talba mingħand is-Sezzjoni nar fi ħdan l-Għaqda Festi Esterni Trinita' Qaddisa għall-reklamar fuq il-poster għall- Attivita li qed jorganiżaw nhar it-30 ta' Mejju f'nofs il-lejl, għall prezz ta' €300.

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, ir-reklam ġie approvat b'erba' (4) voti favur u vot (1) kontra.**

**34.10.8** Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li waslet talba mingħand l-iskola Primarja San Ġorg Preca dwar jekk il-Kunsill għandux l-interess li jiffinanzja l-kotba li se jingħataw waqt ic-Ċerimonja tal-Prize Day fejn għall prezz ta' bejn €250-€300.

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill,il-finanzjament tal-Kotba għall-*Prize Day* ġew approvati mil-membri tal-Kunsill b'ħames (5) voti favur.**

**34.10.9** Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li waslet talba mingħand
Marsa FC għall-reklamar fuq il-paġna uffiċjali tal-*Facebook* kif ukoll waqt il-logħob tal-Club għall prezz ta' €300

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, ir-reklam ġie approvat b'erba' (4) voti favur u vot (1) kontra.**

34.10.10 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li waslet komunikazzjoni mill-ALS jekk il-Kunsill għandux interess li jorganizza attivita sabiex ir-residenti Marsin iżuru il-binja ta' Dar Bjorn ġewwa Ħal-Qormi għall prezz ta' €10 kull persuna li tinkludi Quddiesa, Coffee Morning, Gwida u ritratt tal-Grupp.

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, ġie maqbul b'ħames voti (5) favur li il-Kunsill iħallas il-prezz ta' €10 għall kull persuna li tibbukkja u residenti iħalsu €10 għall biljet fejn €5 tkun għat-transport u €5 tkun donazzjoni għall Dar Bjorn u l-attivita issir l-Erbgħa 15 t'April 2026.**

34.10.11 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li waslet korrispondenza mir-Reġjun Nofsinhar li ser ikun qed jalloka s-somma ta' €500 lil kull Kunsill bħala għajnuna għall-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Ġie informat ukoll li r-Reġjun ser ikun qed joffri għajnuna relatata mat-trasport għall-Festa ta' San Girgor ġewwa Żejtun.

34.10.12 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li waslet korrispondenza mill-Fondazzjoni Smiling with Jerome fejn talbet jekk il-Kunsill għandux interess li jixtri x2 Easter Eggs biex jinagħatw il-żewġ itfal mill-Marsa li qed jieħdu ħsieb bħala fondazzjoni u li għandom

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, ġie maqbul b'ħames voti (5) favur li il-Kunsill li jinxtraw x2 Easter Eggs biex jingħataw lill żewġt itfal Marsin li qed jieħdu ħsieb bħala Fondazzjoni.**

**34.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**34.11.1 Il-Kunsillier Sa Gloria Aquilina saqsiet lis-SE**

- Jekk il-ġbir ta' skart goff hux qed jinġabarx kif suppost?

  **Is-Segretarju Eżekittiv infurma li meta il-Kuntrattur imur fuq il-post li ikun il-bulky ibbukjajt u ma issibx l-items jibgħat ritratt.**

  L-iskart goff qed jinġabar kollu nhar ta sibt?

  **Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kuntrattur qed jiġbor l-iskart goff ibukjajt nhar ta sibt u li ma kienx hemm rapporti li s-servizz mhux jingħata.**

- L-avukat tal-Kunsill ġie mgħarraf bis-sitwazzjoni tal-kuntrattur tal-iskart goff?

  **Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-avukat ma kienx infurmat għax il-Kuntrattur qed jikopera.**

- Il-Kuntrattur qed jiġbor l-iskart goff fil-ħin stipulat skond il-kuntratt?

  Is- **Segretarju Eżekuttiv** infurma li l-Kuntrattur qed jiġbor nhar ta Tnejn, Erbgħa mis-07:00 am u nhar ta Sibt jiġbor wara nofsinhar.

34.11.2 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Scerri staqsa rigward il-ħajt tal-ġibja l-kbira, fejn spjega li hemm ħsarat fuq il-ħajt li jistgħu jkunu ta' periklu. Huwa ppropona li jiġi infurmat il-Perit tal-Kunsill sabiex jipprovdi gwida dwar kif tista' ssir il-manutenzjoni meħtieġa biex jiġu solvuti dawn il-ħsarat.

**Is-Sindku talab lis- Segretarju Eżekuttiv sabiex jinfurma lill-perit sabiex issir spezzjoni.**

**34.12 Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:33 pm u ġiet aġġornata għat- Tlieta 14 ta' April 2026 fil-17:30 pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Luke Farrugia | Roderick Ebejer |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*